

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji ta' liġi u ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, li wasslu għal applikazzjoni ħażina tal-eċċezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001, u nuqqas ta' motivazzjoni:

— Il-Kummissjoni ma stabbilixxiet li l-eċċezzjoni ta' relazzjonijiet internazzjonali hija applikabbli. B'mod partikolari, hija ma stabbilixxiet kif l-iżvelar ta' dokumenti li huma purament legali li jinkludu riflessjonijiet fuq id-dritt Ewropew jista' fih innifsu jikkonferma għanijiet strateġiċi mfittxija mill-Unjoni Ewropea waqt negozjati jew jimmina l-pożizzjoni ta' negozjar tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni hija marbuta bl-istat tad-dritt u ma tistax tinnegozja ftehimiet internazzjonali li jiksru d-dritt Ewropew. Ir-rikorrenti tissottometti wkoll li l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001, kif ukoll eċċezzjonijiet oħrajn, ma jistgħux jiġu invokati *in perpetuum*, jiġifieri sakemm il-Kummissjoni tkun qiegħda għaddejja b'negozjati fi kwalunkwe post dwar ftehimiet internazzjonali oħrajn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tiddikjara r-raġunijiet ta' kif l-iżvelar tad-dokumenti mitluba jista', b'mod speċifiku u fil-fatt, jimmina l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji ta' liġi u ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, li wasslu għal applikazzjoni ħażina tal-protezzjoni tal-eċċezzjoni ta' pariri legali fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, u nuqqas ta' motivazzjoni:

— Il-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi jekk hemmx riskju li huwa raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku li l-iżvelar tad-dokumenti mitluba jimmina l-interessi tagħha li tirċievi pariri legali sinċiera, oġġettivi u komprensivi.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żbalji ta' liġi u ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, li wasslu għal applikazzjoni ħażina tal-protezzjoni tal-eċċezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, u nuqqas ta' motivazzjoni:

— Il-Kummissjoni naqset milli tispjega kif l-aċċess għad-dokumenti mitluba jista', b'mod speċifiku u fil-fatt, jimmina l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żball ta' liġi u ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, li wasslu għal applikazzjoni ħażina tat-test ta' interess pubbliku ikbar u nuqqas ta' motivazzjoni:

— Jeżisti interess pubbliku ikbar, għaliex l-iżvelar jagħmilha possibbli li jkun hemm dibattitu fuq l-aċċess għad-dokumenti, b'mod partikolari l-aċċess għal qrati nazzjonali u r-rwol tagħhom, u l-ħtieġa li tiġi ppriżervata l-unità u l-awtonomija tad-dritt Ewropew. Dawn is-suġġetti huma ta' interess dirett għaċ-ċittadini u NGOs Ewropej bħar-rikorrenti.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001 dwar l-aċċess parzjali u talba għal miżura ta' investigazzjoni

— Ir-rikorrenti tissottometti li l-Kummissjoni ma eżaminatx u ma tatx aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba, jew fi kwalunkwe każ ma għamlitx dan fil-grad rikjest mil-liġi.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2016 – Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank vs SRB**(Kawża T-645/16)**

(2016/C 402/65)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Vorarlberger Landes- und Hypothekenbank AG (Bregenz, l-Awstrija) (rappreżentant: G. Eisenberger, avukat)

Konvenut: Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, apparentement tal-15 ta' April 2016, tal-inqas sa fejn din id-deċiżjoni tirrigwarda lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur flagranti tal-forom proċedurali sostanzjali minħabba nuqqas ta' notifikazzjoni (sħiħa) tad-deċiżjoni kkontestata.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq ksur flagranti tal-forom proċedurali sostanzjali minħabba motivazzjoni inadegwata għad-deċiżjoni kkontestata.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Settembru 2016 – Şölen Çikolata Gıda Sanayi ve Ticaret vs EUIPO – Zaharieva (BOBO cornet)

(Kawża T-648/16)

(2016/C 402/66)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Şölen Çikolata Gıda Sanayi ve Ticaret AŞ (Şehitkamil Gaziantep, it-Turkija) (rappreżentant: T. Tsenova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Elka Zaharieva (Plovdiv, il-Bulgarija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "BOBO cornet" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 299 343

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Lulju 2016 fil-Każ R 906/2015-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tal-Artikoli 75 u 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009.
-